KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 21Ad Hoc_29/09/10**

# MINUTI TAL-WIEĦED U GĦOXRIN SEDUTA (Ad hoc)

**Il-wieħed u għoxrin seduta** Ad Hoc tas-Sitt Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet l-Erbgħa **29 ta' Settembru 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Johanna Gonzi |
| Viċi Sindku: | Cyrus Engerer |
| Kunsilliera: | Yves Bobby Cali<br>Sandra Camilleri<br>Edward Cuschieri<br>Julian Galea<br>Nicolai Gauci<br>Patrick Pace |
| Segretarju Eżekuttiv:<br>Assistant Principal: | Svetlana R. Curmi<br>Stefania Friggieri |
| L-accountant: | Christian Vella |
| Skużati: | Marianne Aquilina<br>Martin Debono |
| Assenti: | Nikki Dimech |

**Is-Sindku Johanna Gonzi ppresidiet.**

Is-seduta bdiet fil-5.45 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

**1. Approvazzjoni tar-rendikont finanzjarju**

1.1 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ipprezentaw il-rapporti finanzjarji, li kopja taghhom tinsab annessa ma' dawn il-Minuti



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1.2 L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella spjega li apparti r-rapporti finanzjarji li jsiru kull tlett xhur matul is-sena finanzjarja, il-Kunsill talab rapport ieħor (*mid-term audit*) mal-bidla fis-Segretarju Eżekuttiv.

1.3 L-*accountant* qal li l-Kunsill irid japprova r-rendikont finanzjarju li sar għal perjodu Jannar sa' Mejju 2010 biex ikun jista' jgħaddih lill-awdituri biex jikkonkludu il-*mid-term audit report*.

1.4 L-*accountant* qal li s-Sindku talbet stampa ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill sal-31 ta' Awwissu, 2010 u li fil-fatt l-*accounts* tal-Kunsill huma *up-to-date* sal-31 ta' Awwissu 2010.

1.5. L-accountant irrefera għal paġni 3 u 9 tar-rendikont finanzjarju fejn innota d-differenza fid-dħul mis-sena l-oħra li jinqara hekk: 01 Jan-10 May 2010: Eur104,503 u 01 Apr-31 Dec 2009: Eur99,284.

***Il-kunsillier B. Cali ħareġ mis-seduta fil-5.56pm***

1.6 L-*accountant* qal li l-Kunsill għandu jirċievi pagamenti oħra mill-Kumitat Konġunt tal-Infurzar tal-Liġi.

***Il-kunsillier B. Cali daħal lura fis-seduta fil-5.57pm***

1.7 Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jistaqsi lill-Kunsillier M. Debono x'ingħad waqt il-laqgħat tal-Kumitat Kongunt peress li hu jattendi għal dawn il-laqgħat b'mod regolari.

*1.8 Il-Kunsillier B. Cali rrimarka li kien hemm parking bay fil-kantuniera ma' Triq Dingli (ftit l-isfel mill-Amigos) li tneħħiet u l-pubbliku qiegħed jaqla ċ- ċitazzjonijiet. Il-Kunsillier Cali qal li jew titwaħħal xi tabella jew terġa ssir il-parking bay.*

1.9. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva ammont ta' flus mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bħala kumpens għax-xogħlijiet (*reinstatement)* li saru f'ċertu toroq f'Tas-Sliema li kien ilhom pendenti hafna.

***Daħal il-Kunsillier N. Gauci għas-seduta fis-6.10pm***

1.10. L-*accountant* qal li minħabba l-bdil fir-regolamenti tal-hrug tal-permessi permezz ta' Avviz Legali li hareg fl-2009, il-permessi għal *hoarding, scaffolding* eċċ kellhom jitwaqqfu u d-dħul naqas drastikament minkejja l-ħsarat li jibqgħu jsiru fit-toroq mill-kuntratturi.

1.11. Il-Kunsill staqsa jekk jidħolx responsabbli jekk jibda jieħu l-ħlas għal-permessi ta' *scaffoldings* li huwa ta' Eur2.33 kuljum. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu parir mill-avukat tal-Kunsill biex jivverifika jekk dan jistax isir skont ir-regoli u fl-aħjar interess tal-Kunsill.

1.12. *Saret diskussjoni dwar it-tower cranes li hemm f' Tas-Sliema fost dawn issemma t-tower crane li hemm fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq il-Katidral. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-Transport Malta se tinfurza kundizzjoniijet dwar l-għeluq tat-toroq. Qalet li t-Transport Malta għamlet stħarriġ dwar kemm hemm tower cranes f'Tas-Sliema. Mil-lista mibgħuta lill-Kunsill irrizulta li hemm ħdax-il tower crane fuq art pubblika f'Tas-Sliema u li hemm tower crane bla permess fi Triq Nathalie Poutiatin Tabone.*

1.13. L-*accountant* qal ukoll li l-Kunsill qed iħallas b'rati ogħla ghas-servizz tal-gbir ta' skart u dan minħabba li l-Kunsill qiegħed jopera fuq *emergency agreement*.

1.14. *Saret diskussjoni fuq il-gbir tal-iskart riċiklabbli u dak mħallat. Is-Sindku qalet li wara l-laqgha tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru ġie ffirmat il-ftehim mal-Green MT u dan wara diversi laqgħat mal-Green MT u mal-avukat tal-Kunsill Dott. Ivan Gatt. Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li s-Sindku ta' San Giljan P. Bonello qallu li għal kuntratt tal-ġbir tal-iskart mħallat il-Kunsill Tas-Sliema se jħallas 60% tal-ispejjez waqt li l-Kunsill ta' San Ġiljan se jħallas 40%. Il-Kunsillier Cuschieri qal li meta staqsa lis-Sindku ta' San Ġiljan x'kienet ir-raġuni qal dan huwa qallu li dan kien għax Tas-Sliema għandha popolazzjoni iżjed minn San Ġiljan. Il-Viċi Sindku C. Engerer qal li l-Kunsill għandu jitlob biex is-servizz jinġabar sa ċertu ħin biex b'hekk il-Kunsill ikun jaf sa x'ħin l-iskart suppost ikun inġabar kollu. Is-Sindku qalet li jekk il-Kunsill Tas-Sliema jipproċedi bit-tender flimkien ma' San Ġiljan mhux se jkollu kontroll fuq it-tippting fees għaliex l-istess vettura tista' tintuża biex tiġor skart miż-żewġ lokalitajiet.*

***Ġie skużat mis-seduta l-Kunsillier Nicolai Gauci fis-6.45 ta' filghaxija.***

1.15. *Tkompliet id-diskussjoni dwar il-gbir tal-iskart.*

1.16. *Il-Kunsillier B. Cali qal li l-offerenti għal kuntratt tal-ġbir ta' skart għandhom jinformaw lill-Kunsill kemm għandhom vetturi assenjati għal Tas-Sliema waqt li l-Kunsillier S. Camilleri qalet li jkun jaqbel iktar għal Kunsill li joħroġ tender waħdu.*

1.17. *Is-Sindku qalet li għandu jittieħed vot biex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk jiqbax għaddej bil-proċess tal-aġġudikazzjoni tal-iskart mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan jew jekk joħroġx tender għal*

*rasu.*

*1.18. Peress li l-Kunsill kien qiegħed jiddiskuti r-rendikont finanzjarju ġie deċiż li l-vot dwar l-offerta għal ġbir ta' skart imħallat jittieħed f'seduta oħra.*

1.19. L-*accountant* tal-Kunsill kompla jispjega r-rendikont finanzjarju.

1.20. L-*accountant* qal li fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena l-ispejjeż żdiedu. Huwa qal li fost l-*invoices* li rċieva l-Kunsill kien hemm dik ta' Eur29,085 għal trinka b'konnessjoni mal-proġett tal-*fairy lights.*

1.21. L-*accountant* qal li l-*invoice* ta' Eur29,000 tista' tiġi kkontesta għaliex il-kuntrattur ma ppreżentax kopja tal-ittra li qal li ntbagħtet lilu mill-Kunsill u li fiha intalab jagħmel dan ix-xogħol.

1.22. L-*accountant* qal ukoll li l-Kunsill gie *invoiced* Eur36,000 minn Polidano Group. Qal li l-Kunsill jista' jikteb lill-*Financial Controller* ta' *Polidano Group* minħabba li ġie *invoiced* għal xogħol li ma sarx.

1.23. L-*accountant* semma *invoices* għal pagamenti oħra ta' natura sostanzjali fosthom *invoice* mingħand *Bugeja & Associates* ta' Eur8,800 u *invoices* oħra għal servizzi ta' konsulenti varji.

***Il-Kunsillier Nicolai Gauci daħal lura għas-seduta fis-6.55 ta' filgħaxija.***

1.24. Il-kunsillier N. Gauci talab il-lista tal-*creditors.*

1.25. Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tibgħat il-lista lill-Kunsilliera kollha.

1.26. L-*accountant* tal-Kunsill semma żieda għall-*property, plant and equipment* tal-Kunsill li tinkludi *Christmas trees*, żewġ invoices għal *computer hardware* u *software, bollards, steel doors, wooden rail,* u *flower bollards* fost oħrajn.

1.27. L-*accountant* tal-Kunsill qal ukoll li l-ammont dovut għad-dawl u l-installazjoni tad-dawl b'konnessjoni mal-proġett tal-*fairy lights* huwa ta' Eur116,572 kif ukoll l-ammont ta' Eur29,085 għal *trenching works.* Il-Kunsill ġie infurmat li s'issa ħallas Eur127,000. L-*accountant* tal-Kunsill qal l-ammonti dovuti lil PMG bħalissa għaddejjin minn investigazzjoni mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali l-IAID.

***Daħal il-kunsillier P. Pace għas-seduta fis-7.15 ta' filgħaxija.***

1.28. Il-Kunsillier N. Gauci staqsa fejn huma l-computers li ssemmgħu aktar kmieni fis-seduta.

1.29. Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lill-Kunsillier N. Dimech u lil impjegata tal-Kunsill A. Borg (dak iż-żmien appuntata Deptut Segretarju Eżekuttiv) dwar dan, kif ukoll lil sid il-ħanut minn fejn inxtraw il-*computers*. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

*1.30. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bil-laqgħa skedata mas-Sur Charles Polidano u mal-Perit Cachia minn Polidano Group b'mod informali fejn fost affarijiet oħra se tiġi diskussa Triq San Neriku. Is-Sindku qalet li se tkun qegħda tinforma b'dawn il-laqgħat informali li jkollha ma' terzi persuni.*

1.31. Tkompliet id-diskussjoni dwar ir-rendikont finanzjarju. L-*accountant* qal li sa l-10 ta' Mejju ta' din is-sena l-Kunsill kien qiegħed *border line*. L-accountant qal li bil-ligi l-Kunsill irid iħalli 10% *working capital*.

1.32. L-*accountant* qal li mir-rapport li talbet is-Sindku sal-aħħar ta' Awwissu, 2010 il-*Financial Situation Indicator* tela' għal 4.88% minn 1.51% minħabba li ġew sospiżi wħud mill-pagamenti. L-*accountant* qal ukoll li jekk il-Kunsill ma jħallasx lil *Polidano Group* l-ammont ta' Eur36,000, lill-Perit Bugeja, lill-PMG u pagamenti oħra s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill titjib ħafna aktar.

1.33. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova ir-rendikont finanzjarju bir-riserva li l-Kunsill jistenna l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-awdituri *Grant Thornton* li huma mqabbda mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika għaliex il-Kunsill mhux qed jaqbel mal-pagamenti u x-xiri li ma ġewx approvati mill-Kunsill u li gew inklużi fir-rendikont finanzjarju. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera B. Cali, E. Cuschieri, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri astjenniet.

Is-seduta ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**